MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 320/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Rose Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Rose Vassallo, talli fil-Marsa nhar it-3 ta' Dicembru 2004, ghall-habta tad-9.00 p.m., f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Mary Rose Vassallo hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra

taghha u kkundannatha ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mary Rose Vassallo pprezentat fil-15 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tilqa' dan l-appell billi thassar, tannulla w tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija jew piena, jew alternattivament li tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu 2006 sabiex dan l-appell, li kien gie differit ghas-7 ta' April 2006, jigi rikjamat ghas-27 ta' Marzu 2006;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti in sintesi jikkonsisti filli hija tikkontendi li ma ngabux provi li setghu jwasslu ghall-htija taghha skond il-ligi.

Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 irid jigi ppruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (*"loitered"*) jew ghamlet biex thajjar (*"solicited"*) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ora. Tali prova tista' ssir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi, mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li jintqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavvicina, u hafna cirkostanzi ohra.

Fil-kaz prezenti jirrizulta li fit-3 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tad-9.00 p.m. l-Ispettur Raymond Aquilina, W.P.C. 146 Joanne Scicluna u W.P.C. 64 Connie Cauchi nnutaw

lill-appellanti tippassigga fi Triq it-Tromba, il-Marsa, fejn il-Kanal. W.P.C. 64 xehdet li l-appellanti kienet miexja, qasmet it-triq, marret fuq il-bankina, nizlet naqra 'l isfel - tippassigga. Qalet li waqqfuha, l-Ispettur kellimha, ghamlulha tfittxija izda ma sabulha xejn ta' rilevanza. Ix-xhud qalet li kienu ilhom xi hames minuti jinnutawha. Qalet ukoll li qatt qabel dakinhar u lanqas wara ma rawha fil-post.

L-Ispettur Aquilina ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti u l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xiehda ta' W.P.C. 146 peress illi tinsab bis-*sick leave* fit-tul.

Fir-rikors ta' appell taghha l-appellanti tghid li dakinhar kienet qed tirritorna d-dar wara li kienet marret izzur lil binha f'San Blas, li hi ma kinitx taf li l-post fejn waqqfuha l-Pulizija kien maghruf ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, li ma kienet liebsa xejn ghal dak it-tip ta' attivita`, li ghaddiet mill-post ghall-affari taghha, li meta kellmuha l-Pulizija hadet qatgha u strumblat ghal kollox, u li ma kellhiex tinsab hatja minhabba percezzjoni zbaljata tal-Pulizija.

Meta l-appellanti xehdet quddiem din il-Qorti, hija qalet li dakinhar kienet gejja minn Santa Maria, Hal-Luqa (mhux bhal ma gie erronejament indikat fir-rikors ta' appell, San Blas), fejn it-tifel taghha kien qieghed jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga, waqfet il-Marsa bhalma taghmel is-soltu u qasmet il-pont biex tmur faccata sabiex taqbad tal-linja ghal Haz-Zabbar. Qalet li qabbdet sigarett u kien hemm mara ohra li talbitha tmur maghha "s'hawn wara ghax hawn wahda ilni nigri warajha hafna ghax ghandha ttini" u hi bla fini ta' xejn marret hemmhekk, qasmet it-triq, il-mara l-ohra marret naha u qaltilha "stennieni, gejja". Skond l-appellanti, f'daqqa wahda gew il-Pulizija li saqsewha x'qed taghmel u hija wiegbet "xejn, jiena ghadni gejja milli nara t-tifel, kien hawn wahda saqsietni biex nigi hawnhekk maghha, dik hija l-bicca tax-xoghol", u qabdet it-triq u telghet 'il fuq. L-ghada pero` baghtu ghaliha d-Depot. Qalet li kienet liebsa jeans, flokk u gakketta. Mistoqsija jekk kinitx taf li l-post in kwistjoni huwa maghruf ghal dan it-tip ta' xoghol wiegbet li lanqas tat kaz u li hi qatt ma ghamlet dawn l-affarijiet. Il-

mara li talbitha tmur maghha hi kienet tafha minn wiccha biss u kienet dik il-mara li gharfitha lilha. Qalet li ma damitx tippassigga u l-Pulizija marru fuqha kif qasmet it-triq.

Issa, huwa minnu li meta l-Qorti attirat l-attenzjoni ta' l-appellanti ghall-fedina penali taghha u b'mod partikolari ghal tliet kundanni dwar tlajjar fit-2 ta' Ottubru 1968, fil-11 ta' Dicembru 1968 u fis-26 ta' Frar 1969, qalet li kienet insiethom. Naturalment dak li din il-Qorti trid tikkunsidra mhuwiex l-agir ta' l-appellanti fil-passat izda l-agir taghha fil-kaz prezenti. Dak li l-appellanti rrakkontat li kienet qed tistenna mara ohra li talbitha tistenniha ftit jista' jkun veru bhalma jista' ma jkunx. Izda mix-xiehda li semghet din il-Qorti jirrizulta li l-appellanti kienet ilha biss ftit minuti fil-post fejn rawha l-Pulizija, li kienet liebsa b'mod ghal kollox normali u li minn tfittxija li ghamlulha ma sabulha xejn ta' rilevanza, u ghalhekk l-appellanti ghandha tinghata l-beneficcju tad-dubju.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------